MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Numru 421/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**vs**

**Joseph Abela**

**Illum 20 ta' Gunju, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Joseph Abela ta' 50 sena, iben Charlie u Mary nee' Sammut, imwieled fil-21 ta'

Jannar, 1955 f' Had-Dingli, li joqghod fil-fond Windernere, Triq Michelangelo Cagiano, San Giljan u detentur ta' karta tal-identita' Maltija bin-numru 182355M.

Billi gie akkuzat talli nhar 22 t' April, 2005 u fi xhur ta' qabel fix-Xemxija, bhala direttur tal-Kumpanija Interventures Ltd jew/u persuna responsabbli mill-fond numru 18, Hyfen Flats li jinsab fi Triq l-Awwista fix-Xemxija, volontarjament hassar, ghamel hsara jew/u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli u cioe' ghamel hsara fil-fond Flat 17, Hyfen li jinsab ukoll fi Triq l-Awwista fix-Xemxija ghad-dannu ta' Cheryl Wismayer, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira (Lm 500).

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok RC2 u nnutat li l-imputat Joseph Abela m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li l-akkuza migjuba kontra l-imputat Joseph Abela tinkwadra ruhha fl-artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Cheryl Wismayer li fis-Seduta tat-12 ta' Ottubru 2005, qalet: "L-indirizz tieghi huwa Flat 17, Hyphon Flats, Triq l-Awwista, Xemxija, St Paul's Bay. Dan il-fond jien xtrajtu f'Ottubru ta' l-1997 u dan fis-sens li kont hadt il-konvenju imma imbaghad f'Ottubru ta' l-1998 sar il-kuntratt. Dan il-fond jien xtrajtu minghand l-imputat Joseph Abela li qed naghrfu prezenti fl-Awla in rappresentanza tal-kumpanija Interventures Limited fis-sens illi dan Abela kien qed jidher ghal din il-kumpanija. Jien kont ghamilt ftit xhur ilu rapport lill-pulizija u f'dan ir-rigward qed nesebixxi kopja tal-kwerela li qed tigi esebita u mmarkata bhala Dok CW1.

Meta xtrajt dan il-fond li huwa flat jiena kont xtrajtu shell b'certu kundizzjonijiet fejn kienu jinvolvu xoghol addizjonali li kellu jaghmel l-imputat u li kien sar minnu. Nixtieq nghid illi fuq in-naha ta' quddiem kien hemm certu gebel li kienu maghmulin bhala gosti u dawn madwar it-twieqi u dawn kull meta kienet taghmel ix-xita dawn kienu jtebbghu il-hitan tat-twieqi min-naha ta' gewwa u sussegwentement beda anke jidhol l-ilma. Dik il-kamra involuta kienet il-kamra tas-sodda u spicca li beda jidhol ilma ma' l-art fil-kamra tas-sodda. Nixtieq nghid ukoll illi dan il-process kien qed jirrepeti ruhu fil-kamra adjacenti biss filk-kamra adjacenti ma kienx qed jidhol ilma imma kien hemm dawn it-tbajja li semmejt. Jien lill-imputat kont incempillu u kont nghidlu li kien qed jidholli l-ilma f' dawn il-kmamar. Nixtieq naghmel korrezzjoni fis-sens illi l-ilma kien jidholli fil-kamra tas-sodda u kien ikolli tbajja fil-kamra adjacenti. Jien kont incempilu biex dan jigi jara x'hemm hazin u nixtieq nghid illi jien biex kien bgheli dan il-flat b'dawn il-gosti li semmejt mat-twieqi liema gosti mhux haga li jien kont tlabt imma kienu haga komuni ghall-faccata tal-flats kollha kont nghidlu allura b'dan li kien qed jigri. Nghid illi l-imputat lili kien dejjem jghidli li kien ser jigi. Kien jghidli wkoll li kien ser igib xi nies biex jaghmlu x-xoghlijiet pero' lili meta kien gie

rahom kien jghidli illi dawn kienu safe u li ma kien ser jigri xejn u n-nies biex jaghmlu t-tiswijiet qatt ma gew. Nghid illi eventwalment il-gebel ta' madwar it-twieqi kienu waqghu. Nghid illi fit-22 ta' April tas-sena 2005 jien ridt naghmel maintenance necessarju ghal fond tieghi, fil-fatt qabbadt in-nies u li gara pero' kien hemm il-htiega li jkun hemm il-koperazzjoni ta' l-imputat biex dan ikun jista' jiftah lill-haddiema halli jkunu jistghu jaghmlu x-xoghol pero' dan baqa' ma ghamilx. Nghid illi jien ghadni f'sitwazzjoni b'din il-problema li jista' jidholli l-ilma. Nghid illi s-sena l-ohra kelli sitwazzjoni fejn dahalli l-ilma mill-conduit tad-dawl u ghalhekk kelli problema ghax kelli l-art u s-saqqu kollha mxarrbin. Dan huwa fil-kamra tas-sodda fejn norqod jien u ibni. Nghid illi fil-perjodu tat-22 ta' April 2005 u fix-xhur ta'

qabel kelli wkoll problema rigwardanti n-naha ta' wara ta' l-appartament tieghi u dan stante illi kienu qeghdin jittebbghuli l-hitan fejn kien hemm bir. Dan kien qed jissuccidi taht it-tieqa tal-hogor tal-penthouse ta' l-imputat u ghal-liema area jien m'ghandix access. Jien qabel lill-imputat kont inkellmu rigward dawn il-hsarat u dan kwazi kull jum kont nghidlu. L-imputat lili dejjem kien jghidli li ser jigi u nghid illi meta kien gie lili qalli li l-affarijiet kienu tajbin. F'okkazjoni minnhom lili kien qalli illi kollox kien safe u spicca fil-faccata kienu waqghu xi gebel ghal isfel ghat-triq. Mill-appartament tieghi l-imputat qatt ma gie jara xi hsara kien hemm u dan avolja jien kont incempilu."

Taghmel ukoll referenza ghad-deposizzjoni tal-Perit AIC Mario Cassar, li fis-Seduta tal-4 ta' Dicembru, 2007, qal: "Nghid illi jiena l-Perit ta' l-imputat. Nghid illi jiena ma kontx pero' l-Perit illi kellu x'jaqsam mal-bini tal-fond Flat 17 Hifin li jinsab fi Triq l-Awwista Xemxija. Nghid illi fis-sena 2006 u dana fix-Xitwa ta' dik is-sena jiena kont mort u spezzjonajt il-fond flat 17 Hifin fi Triq l-Awwista Xemxija u dana wara li kont gejt imqabbad mill-imputat biex jiena naghmel kostatazzjonijiet dwar dak li kienet qed tilmenta minnu Cheryl Wismayer. U mill-kostatazzjoni li ghamilt irrizultali, nghid mal-hitan ta' dan il-fond kien hemm tip ta' mould u li hija moffa u li hija komuni hafna. Nghid illi in kwantu ghal faccata tal-flat dan huwa, dana l-flat mill-kostatazzjonijiet li ghamilt jirrizulta li huwa mibni bil-gebel. Nghid illi jekk il-faccata kollha tal-flats kienet tal-gebel, allura din parti sostanzjali minnha kellha tkun tad-dobblu. Nghid jiena ma ccekjajtx jekk dana l-faccata kinitx mibnija fuq id-dobblu jew fuq is-singlu.

Nghid jiena ma jhidirliex illi kien hemm difetti fuq il-mod kif kienu mibnija t-twieqi tal-flat li jaghtu ghal barra. Nghid illi mat-twieqi ta' barra kien hemm burdura dekorattiva tal-gebel. Nghid illi effettivament dina imbaghad tnehhiet. U din kull ma kienet, kienet ghal skop dekorattiv. Nghid illi jiena ukoll irrizultali illi f' dan il-fond mal-hitan, li anki in kwantu ghal hitan ma kienux mal-faccata u dan qed

nitkellem minn naha ta’ gewwa tal-flat, il-moffa kienet ukoll fuq dawna l-hitan. Dana jindika illi kien hemm nuqqas ta’ ventilazzjoni fl-appartament. Nghid illi jiena kont ukoll mort f’ okkazzjoni ohra u ezaminajt il-bjut kollha rigwardanti dana l-appartament u jiena fil-fehma tieghi innutajt illi c-ceiling li kien hemm fuq il-bjud kien ceiling wiehed tajjeb u ma kienx hemm difetti dwaru.

Nghid illi sovrastanti ghal flat ta Wismayer hemm penthouse li dina hija maghha hemm terrazin u sa fejn naf jiena dana t-terrazin huwa msaqqaf bil-corrugated wire. Jiena ma jhidirliex illi fuq it-terrazin ta’ wara dan huwa komuni. Nixtieq nghid illi t-terrazin ta’ wara huwa msaqqaf. Nghid illi fuq il-parti tal-faccata tal-penthouse hemm terrazin iehor u nghid li sa fejn naf jien it-terrazin ta’ quddiem huwa propjeta’ ta’ min jokkupa l-penthouse. Nixtieq nghid ukoll illi t-tip ta’ moffa illi kien hemm fil-flat a’ Wismayer huwa tip ta’ moffa illi jirrizulta minn nuqqas ta’ ventilazzjoni u mhux minn ilma li jkun qieghed jidhol perkolazzjoni ta’ ilma. Nixtieq nghid illi in kwantu ghal ilma li jinzel minn gos-ceiling rooms nghid dana l-ilma jekk ikun sa conduit minn fejn jghaddi jista’ jibqa’ niezel anki zewg sulari.

Nixtieq nghid illi jiena meta ezaminajt il-fond ta’ Wismayer ma kkonstatajt l-ebda konsentura u fil-fatt l-Perit kollega tieghi u cioe’ l-Perit Anthony Muscat konna qeghdin flimkien nispezzjonaw il-fond ta’ Wismayer u dana ma indikali l-ebda konsentura f’ dan il-flat. Barra minn hekk illi bini li jkun inbena sew ghal fini biex huwa jkun jista’ jissetilja anke fl-ewwel ghaxar snin tal-hajja tieghu wkoll jista’ jiffacalu konsenturi.” (Sottolinjat tal-Qorti)

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, qal: <u>“Nghid illi jiena minn dak li kkonstatajt in kwantu ghal dak li kollu li rajt l-ebda mod dak li jien kkonstatajt u xehedt dwaru llum ma jista’ jkun attribwit ghal hsara volontarja.”</u> (Sottolinjar tal-Qorti)

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni tal-Perit AIC Anthony Muscat li fis-Seduta tal-4 ta’ Dicembru,

2007, qal: “Nghid illi jiena l-Perit ta’ Cheryl Wismayer. Nghid jiena kelli opportunita’ li

naghmel spezzjonijiet fil-fond taghha u li jiena ghamilt spezzjonijiet fil-fond ta’ l-istess Wismayer li huwa, l-fond huwa flat 17 Hifin Triq l-Awwista San Pawl il-Bahar Xemxija. U mill-kostatazzjonijiet li jiena ghamilt nista’ nghid illi bhala kostatazzjoni tieghi hija illi in kwantu ghal fatt li dana il-flat partikolari qieghed top floor, ix-xita kienet qeghda tissipja minn gol-kontro bejt jew minn xi katusa jew minn xi fil-miftuh fuq il-bejt. L-ilma beda jghaddi gol-conduit u jitfacca fic-ceiling room tal-kamra tas-sodda ta’ l-istess Flat. U ovvjament imbaghad iqattar fl-art.

Jiena kkonstatajt ukoll illi t-twieqi ta’ l-aluminium ta’ fuq il-faccata tal-flat ma kienux sigillati sew u illi l-ilma meta kienet taghmel ix-xita kien itebba’ l-hogor tat-tieqa. Dana fis-sens illi l-hogor kollu tat-tieqa. Nghid ukoll illi fuq it-tieqa, fuq barra kien hemm faxxa tal-gebel imwahhla wara u dina parti minnha bidet tinqala. Fil-fatt inqalghu il-bqija ghaliex kien hemm ir-riskju illi l-bicciet tal-gebel jispiccaw biex jaqghu ghal isfel. U inoltre t-tieqa flok kienet imwahhla b’ mod vertikali kienet imwahhla naqra mghawweg. Nghid ukoll il-hitan tal-faccata ghalkemm skond is-sengha ikunu dobblu f’ dan il-kaz kienu singlu. Innutajt ukoll li hemm xi konsenturi fit-tieni kamra tas-sodda u dawn jestendu mis-saqaf ghal gol-hajt. U dana wkoll gewwa l-intrata u gewwa s-saqaf tal-kcina. Inzid nghid ukoll li jiena l-ahhar darba li mort naghmel ezami, ghamilt l-ispezzjoni gewwa l-fond imsemmi, dana fit-28 ta’ Ottubru 2006 kien hemm prezenti l-Perit Cassar li kien qieghed jirraprezenta l-imputat. Nghid illi waqt dan il-meeting il-Perit Cassar ha xi ritratti dwar dawn id-difetti.

Jiena li nista’ nghid huwa li l-kostatazzjonijiet li ghamilt kien jidher illi kien hemm xoghol hazin. Pero’ ovvjament ma nistax nghid jekk dan ix-xoghol hazin sarx b’ mod volontarju jew inkella involontarjament u cioe’ nuqqas ta’ sengha jew hila jew traskuragni.” (Sottolinjar tal-Qorti)

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, qal: “Nixitieq nghid illi in kwantu dan il-flat fejn jiena ghidt li

qieghed top floor, fuqu hemm penthouse. U nghid bhal kull penthouse parti minnha tkun terrazin u parti minnha tkun mibnija. Nghid issa in kwantu l-kaz specifiku il-parti fejn jidhol l-ilma fil-flat li ezaminajt jiena, l-parti sovvrastanti tieghu hija terrazin, liema terrazin jifforma parti minn komun u ma jiffurmax parti mill-penthouse. U ghalhekk dana t-terrazin jista' juzah kulhadd. Qed nigi mistoqsi mid-Difiza illi dak li jiena kkonstatajt jistax ikun kagun ta' wear and tear normali u cioe' tenut kont it-trapass ta' zmien nghid li le, nghid fil-fatt jekk tieqa twahhlet b' mod mghawweg dina twahhlet b' mod mghawweg mill-bidu nett.

Nghid illi in kwantu ghal konsenturi jiena nemmen illi dawn jirriflettu movement fil-bini. Suppost meta wiehed jibni ghandu jara illi l-bini jkun sar mod li jipprevedi illi jitfaccaw il-konsenturi."

Il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal-provi prodotti l-akkuza kif dedotta kontra l-imputat Joseph Abela ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata u ghaldaqstant tillibera lill-imputat Joseph Abela mill-akkuza migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------